MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 7/2013/1

**Circolo Gozitano**

**Vs**

**Kummissarju Ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-Ghaqda Non-Governattiva **Circolo Gozitano**ipprezentat fid-9 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti hija Ghaqda non-Governattiva w hija iskritta ghall-finijiet ta' l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.*

*Illi l-ghaqda attrici baghtet il-prospett annwali bil-kontenut u bil-forma kif mitluba taghmel taht ir-Regolamenti tal-2012 dwar Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali ta' Organizzazzjonijiet Volontarji.*

*Illi fit-18 ta' Gunju 2013 is-segretarju tal-ghaqda, is-Sur Joseph Masini, ircieva posta elettronika minn ghand l-ufficcju tal-Kummissarju ghall-Ghaqdiet*

*Volontarji fejn intalab jaghti diversi dettalji ulterjuri rigward l-ghaqda. Il-Kummisarju sahaq illi qed jirrifjuta li jaghti konferma li huwa rcieva l-prospetti annwali qabel ma jigi moghti d-dettalji ulterjuri mitluba minnu. Dawn id-dettalji ulterjuri huma s-segwenti:*

1. *Rapport dettaljat u approvat ta kif l-interessi fuq id-dejn tal-membri gie akkumulat.*
2. *Il-kontijiet kollha bid-dettalji tad-djun u tranzazzjonijiet relattiv hekk kif imsemmija fil-Prospetti Annwali.*
3. *Spjegazzjoni dettaljata tas-sezzjoni msemmija "Section 1. Re Outstanding Issues" li tifforma parti mill-Prospett Annwali tas-sena 2012.*
4. *Sett originali tal-Kontijiet Awditjati.*

*Illi l-esponenti ma taqbilx ma' l-agir tal-Kummissarju w dan ghal dawn ir-ragunijiet:*

1. *It-talba ghad-dettalji ulterjuri mill-Kummissarju tmur lil hinn minn dak permess mill-ligi w b' hekk dan l-agir huwa vessatorju w ultra vires. Il-gurisprudenza fuq dan is-suggett titlob illi d-diskrezzjoni tal-kummissarju ma tistax tigi ezegwita arbitrarjament u minghajr evidenza xierqa. L-ghaqda attrici thoss li ma hemm l-ebda evidenza xierqa li taghti lok sabiex il-Kummissarju jitlob informazzjoni ulterjuri.*
2. *Bla pregudizzju ghas-suesport, jekk il-Kummissarju jhoss illi hemm bzonn issir revizjoni tal-kontijiet ghall-ghaqda dan ghandu jimxi mal-procedura specifikata fi Skeda 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali ta' Organizzazzjonijiet Volontarji w dan kif kkontemplat fir-regolament 9 ta' l-istess Regolamenti. Skond din l-iskeda, jekk il-Kummissarju jhoss li hemm bzonn li ssir revizjoni tal-kontijiet dan jirrizerva d-dritt li jahtar kull persuna kwalifikata sabiex tiskrutinja u taghmel rapport dwar il-kontijiet. B'hekk jekk il-Kummissarju jhoss illi dan ghandu jaghmel dan ghandu jaghmel revizjoni tal-kontijiet, dan huwa obbligat li jqabbad terza persuna li hija kwalifikata w ma jistax jiehu r-riedni f' idejh u jaghmel ir-revizzjoni hu stess.*
3. *Il-Kummissarju ma ghandux il-poter li jirrifjuta li jikkonferma li rcieva l-kontijiet anke jekk ihoss li dawn fihom xi nuqqasijiet. Jekk ikun hemm xi dubju (li oggettivament huwa ragonevoli) fuq il-prospett annwali jew xi dokument mehmuz mieghu, il-Kummissarju ghandu dritt jitlob li ssir revizjoni izda ma ghandu qatt dritt jirrifjuta li jikkonferma li huwa rcieva tali dokumentazzjoni.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob li dan it-Tribunal sabiex jiddikjara l-agir tal-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji fuq imsemmi bhala wiehed vessatorju u ultra vires u konsegwentament thassar u tirrevoka t-talbiet ta' l-istess Kummissarju."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji** ipprezntata fl-24 ta' Lulju 2013 fejn eccepixxa s-segwenti:-

"

*1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, it-talba tal-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji lir-rikorrenti permezz tal-email datat 27 ta' Gunju 2013 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A" ma tikkostitwix xi decizjoni li taghti lok ghall-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal bil-konsegwenza li l-appell interpost huwa rritu u null.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda kollha bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi l-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji kellhu kull dritt li jaghmel rikjesta ghall-dettalji u informazzjoni ulterjuri minghand ir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 34(1) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji,Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi dan l-imsemmi artikolu jistipula illi:*

*"Il-Kummissarju jista' jinvestiga dak li jkun qed jiġri f'organizzazzjoni volontarja f'kull waqt u jista' jitlob bil-miktub kull informazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam mat-tħaddim ta' organizzazzjoni volontarja jew ta' xi persuna involuta fl-attivitajiet ta' organizzazzjoni volontarja, jekk huwa jkollu għaliex jaħseb li dik l-informazzjoni tkun meħtieġa biex ikun jista' jistabbilixxi jekk organizzazzjoni tkunx qegħda taġixxi konformement mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu."*

*3. Illi l-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji m'ghandu ebda obbligu li ssegwi l-procedura li hemm fi Skeda 3 tar-Regolamenti dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), Leġislazzjoni Sussidjarja 492.01 bilfors peress illi l-konvenut jista minflok u ghandu kull dritt li jaghmel investigazzjoni ai termini tal-artikolu 34(1) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji hawn fuq imsemmija.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji ghadu mhuwiex f'qaghda li jiddeciedi jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jwasslu sabiex jitlob revizjoni tal-kontijiet ghat-tenur tal-iskeda 3 tar-Regolamenti dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) u li l-informazzjoni mitluba semmai hija mehtiega sabiex huwa jaccerta ruhu jekk verament jezistux xi rregolaritajiet jew le fl-operat tar-rikorrenti.*

*5. Illi minkejja numru ta' interpellazzjonijiet bil-miktub, ir-rikorrenti baqghet inadempjenti u qatt ma forniet id-dettalji u informazzjoni ulterjuri*

*rikjesti lill-konvenut kif hija obbligata li taghmel ai termini tal-artikolu 34(2) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji peress illi dan l-imsemmi sub-artikolu jistipula illi: "Kull min jonqos milli jipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni kif hawn qabel imsemmi, u jeqred jew jgħarraq dokumenti, jew jipprova jeqred jew jgħarraq dokumenti, meħtieġa mill-Kummissarju konformement ma' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat."*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha."*

Ra l-affidavit ta' Saviour Vassallo, E*nrolment* u *Annual Returns Officer* fl-Ufficju tal-Kummissarju ghall-Organizzazzjonijiet Volontarji, u d-dokumenti annessi ipprezentati mill-Kummissarju intimat waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat ipprezentata fis-7 ta' Mejju 2014 u n-nota tal-Ghaqda rikorrenti datata 10 ta' Gunju 2014;

Ra d-digriet tat-18 ta' Gunju 2014 fejn ordna lill-Ghaqda rikorrenti tesebixxi kopja tal-posta elettronika msemmija fir-rikors promutur;

Ra n-nota tal-istess Ghaqda ipprezentata fit-2 ta' Lulju 2014 li permezz taghha esebiet numru ta' e-mails skambjati bejn il-partijiet.

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza rigward l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Ghaqhda rikorrenti hassitha aggravata b*'e-mail* datata 18 ta' Gunju 2013, mibghuta minn Saviour Vassallo, Enrolment & Annual Returns Officers fi hdan il-Kummissarju intimat, fejn informa lill-Ghaqda rikorrenti bis-segwenti:-

*"Dear Mr. Masini,*

*With reference to the Audited Reports for year ending 31st December 2011, the amount of Eur41,014 for (**Payables Members Loans)** has been recorded in your Statement of Financial Position.*

*As indicated in the Statement of Financial Position re: Audited Reports for year ending 31st December 2012, Circolo Gozitano borrowed the sum of Eur58.081 from Banif Bank.*

*Furthermore please note that while a new loan for Eur58,000 has been granted by Banif Bank and loan from members is still pending, these are not recorded in the Audited Accounts.*

*As one may note, in both set of Audited Accounts there is no reference to or any transaction recorded for payments carried out as loan repayments. The only entries in relation to the mentioned borrowings are the following:*

- *Finance expenses – bank loan interest – Eur909*
- *Finance expenses – Members loan interest Eur24,781*

*You are kindly asked to provide this office with:*

- *A detailed and endorsed report of how Members loan interest has accumulated.*
- *The full account with details of all loans and relation transactions as mentioned in the Annual report.*
- *A detailed explanation of* ***Section 1. Re Outstanding issues*** *section of the Annual Report for year ending 31st December 2012.*
- *Original set of Audited Accounts.*

*Please provide this information by not later than 30th June 2013. If you desire, you may set a meeting with the Commissioner for providing better explanation and further clarification."*

Illi permezz ta' *email* ohra datata 20 ta' Gunju 2013 l-Kummissarju intimat, tramite Saviour Vassallo, informa lill-Ghaqda rikorrenti li kien se jkun f'posizzjoni li jikkonferma li rcieva l-*Annual Returns* tal-2012 jekk l-istess Ghaqda taderixxi ruhha mat-talbiet tieghu kif kontenuta fl-*email* tat-18 ta' Gunju 2013 riportata iktar 'il fuq.

Illi l-Kummissarju intimat iddefenda ruhu billi fl-ewwel lok eccepixxa l-irritwalita` u n-nullita` tal-appell odjern stante li skond hu dak rikjest fl-*email* tas-27 ta' Gunju 2013 ma jikkostitwix decizjoni li taghti lok ghad-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li siccome din l-eccezzjoni hija ta' natura preliminari, ghandha tigi deciza bis-sentenza odjerna.

Illi t-Tribunal jixtieq jippreciza illi ghalkemm fl-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat tissemma l-*email* tas-27 ta' Gunju 2013, jirrizulta illi l-Ghaqda rikorrenti qieghdha ssejjes l-appell taghha fuq zewg *emails* partikolari u cioe dawk tat-18 ta' Gunju 2013 u tal-20 ta' Gunju 2013. Illi minn qari tal-*email* tas-27 ta' Gunju 2013 jirrizulta car illi din fiha l-istess kontenut tal-*email* mibghuta lill-Ghaqda rikorrenti fit-18 ta' Gunju 2013. Ghaldaqstant dan it-Tribunal, anke abbazi tan-nota tal-Ghaqda rikorrenti ipprezentata fit-2 ta' Lulju 2014, se jinvestiga l-kontenut tal-*emails* datati 18 ta' Gunju 2014 u 20 ta' Gunju 2014.

Illi l-Ghaqda rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, issottomettiet illi hija hassitha aggravata bi tlett (3) decizjonijiet tal-Kummissarju intimat u cioe:-

1. Id-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju intimat illi jitlob ghal dokumenti ulterjuri wara li rcieva l-*Annual Returns* tal-2012;

2. Id-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju illi jiehu r-riedni f'idejh u jezegwixxi huwa stess l-investigazzjonijiet minghajr ma jsegwi l-procedura kkontemplata taht it-3 Skeda tal-Ligi Sussidjarja 492.01; u

3. Id-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju li jirrifjuta li jaghti d-debita rcevuta tad-dokumenti illi l-ghaqda rikorrenti pprezentat mal-ufficju tal-istess Kummissarju.

Illi ai termini ta' Taqsima V tal-Kap 492 (Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji), it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi appelli minn kull persuna jew organizzazzjoni li thoss ruhha aggravata minn xi decizjoni tal-Kummissarju intimat.[1]

Illi mbaghad f'artikolu 34 (1) tal-istess Att wiehed isib li l-Kummissarju intimat ghandu l-poter li jinvestiga dak li jkun qed jigri f'organizzazzjoni volontarja *"f'kull waqt u* ***jista' jitlob bil-miktub kull informazzjoni rilevanti*** *li jkollha x'taqsam mat-thaddim ta' organizzazzjoni volontarja jew ta' xi persuna involuta fl-attivitajiet ta' organizzazzjoni volontarja, jew huwa jkollu ghaliex jahseb li dik l-informazzjoni tkun mehtiega biex ikun jista' jistabilixxi jekk organizzazzjoni tkunx qeghda tagixxi konformement mad-disposizzjonijiet tal-istess Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu."* Iktar minn hekk subinciz (5) tal-istess Artikolu jkompli jghid illi ***"Persuna jew organizzazzjoni li tirċievi komunikazzjoni skont din it-Taqsima ta' dan l-Att ikollha jedd tagħmel rikors quddiem it-Tribunal jekk tkun tqis li dik l-investigazzjoni, direttiva, ordni jew piena ma tkunx waħda ġustifikata jew raġonevoli fiċ-ċirkostanzi*** *u t-Tribunal jista' jagħti kull ordni li jikkunsidra li tkun hekk xierqa, u kull piena imposta mill-Kummissarju skont is-subartikolu (4) għandha tiġi sospiża sakemm tingħata deċiżjoni finali mit-Tribunal."*

Illi kwindi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-Kummissarju intimat, dak rikjest minnu fl-*email* datata 18 ta' Gunju 2013 u wkoll dik tas-27 ta' Gunju 2013 jista' jigi impunjat quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 34 (5) tal-Kap. 492. Certament l-informazzjoni rikjesta mill-Ghaqda rikorrenti u l-agir tal-Kummissarju intimat jaqghu perfettamenti fid-definizzjoni ta' **"direttiva" jew "ordni"**, u li fin-nuqqas li tigi obduta jiskattaw is-sanzjonijiet skond kif jiddisponi artikolu 34 (4) tal-istess Att u cioe:-

*"Il-Kummissarju jista' jagħti żmien biex ikun hemm konformità ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmulin taħtu u jista' jimponi pieni għal min jonqos milli jikkonforma ruħu f'dak iz-zmien:*

[1] Artikoli 23 u 25 tal-Kap 492

*Iżda pieni bħal dawk m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għal ksur ta' direttiva u minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità u dawk il-pieni għandhom jitħallsu fil-Fond għal Organizzazzjonijiet Volontarji."*

Illi per konsegwenza, il-kontenut tal-*email* tal-20 ta' Gunju 2013 u cioe d-decizjoni li l-Kummissarju intimat li ma jaghtix konferma li rcieva l-*Annual Returns* tal-Ghaqda rikorrenti hija konsegwenzjali ghall-ordni li l-istess Kummissarju ta fl-*email* tieghu tat-18 ta' Gunju 2013 u kwindi hija decizjoni li l-Kummissarju intimat ha abbazi ta' dak rikjest minnu precedentement, liema ordni u decizjoni dan it-Tribunal huwa kompetenti li jezamina.

Kwindi l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat qieghdha tigi michuda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, it-Tribunal qieghed jirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat u jordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh fuq il-mertu.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Kummissarju intimat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------